TERZ'ORDNI

# Laqgħat ta' Formazzjoni

## *Skema 2*

**minn P. Charlo Camilleri, O.Carm.**

Il-laqgħa regolari tal-Fraternità tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari hija l-espressjoni tal-vokazzjoni tal-Karmelitani Sekulari. Għaldaqstant hija importanti u essenzjali għall-ħajja fit-Terz'Ordni għax hija l-forma konkreta li permezz tagħha l-Karmelitan Sekulari jgħix id-dimensjoni fraterna tal-kariżma Karmelitana. Il-ħajja fraterna mhijiex għażla fil-Karmelu, minkejja li hemm diversi forom ta' kif tista' tingħax. Sa mit-twaqqif tal-Ordni Karmelitan, San Albert ġabar *in unum collegium* lill-eremiti tal-Karmelu u għaldaqstant il-fraternità hija parti essenzjali mill-ħajja Karmelitana li kull min hu msieħeb fil-Karmelu, ikun f'liema stat jew ordni jkun ta' tisħib, irid jgħixha. Ir-*Regola TOK* għandha dawn il-paragrafi speċifiċi dwar il-ħajja fil-fraternità li tajjeb jiġu mhux biss studjati fil-fraternità iżda wkoll imqegħdin fil-prattika u użati fid-dixxerniment dwar il-kandidat li jitlob li jissieħeb fil-fraternità. Magħhom għandna wkoll in-normi tal-istatuti li jagħtu linji prattiċi għall-għejxien tal-fraternità.

- *Regola TOK* 42-45: Il-Fraternità
- *Regola TOK* 54-56: Il-Ħajja fi Fraternità
- *Statuti TOK* 15-17: Il-Ħajja fil-Fraternità

Tant hija importanti u fundamentali l-ħajja tal-aħwa li n-numru 55 tar-*Regola* jsemmi l-possibilità ta' għejxien f'ħajja komuni, kif inhi bi tradizzjoni fl-Ordni. Ikollna ngħidu li t-Terz'Ordni Karmelitan beda fl-Ordni mill-ewwel b'dan it-timbru fratern, kemm individwalment kif ukoll bħala gruppi, meta fis-sekli tlettax u erbatax, nisa verġni jew romol, kif ukoll xi rġiel, bħal San Nonju Alvarez, kienu jitolbu li jissieħbu ma' kunvent partikolari taħt l-ubbidjenza tal-pirjol bħala *beghine* jew semifrati. F'Malta nafu li kellna sa minn bikri nisa verġni jew romol li kienu jingħataw il-libsa Karmelitana u kienu jgħixu taħt l-ubbidjenza tal-pirjol jew id-*delegato delle bizocche*. Dawn kienu jiddependu mill-kunvent ukoll fil-manteniment tagħhom filwaqt li jgħixu l-ħajja Karmelitana biswit il-kunvent. Mela l-ħajja fraterna jew il-ħajja tal-aħwa, hija fundamentali għat-Terzjarju u ma għandhiex titnaqqsilha l-importanza tagħha.

Għaldaqstant il-laqgħa regolari għandha tkun espressjoni ta' din il-vokazzjoni għall-ħajja tal-aħwa. Il-laqgħa TOK ma ssirx biex nisimgħu l-prietka jew it-taħdita tal-assistent spiritwali. Il-laqgħa ssir sabiex l-aħwa jinġabru flimkien u jgħixu flimkien id-dimensjonijiet kollha tal-ħajja tagħhom: is-sejħa għall-ħajja tat-talb, il-qsim fratern tal-ħajja Karmelitana permezz tal-programm formattiv, il-bini tar-relazzjonijiet umani u l-ftuħ għall-qadi fil-Knisja. (Ara *Statuti* nru. 11). Ħa ngħidu xi ħaġa fuq dawn l-elementi:

**It-Talb:** Il-Ħajja Karmelitana ddur mat-talb, f'kelma waħda mad-disponibiltà tiegħi lejn Alla flimkien ma' ħuti li jħaddnu l-istess ideal kontemplattiv tal-Karmelu. Għaldaqstant it-talb flimkien għandu jkollu post speċjali fil-laqgħat tal-fraternità. Għal dan hemm it-talb li għandu jsir waqt il-laqgħat. Il-laqgħa tal-fraternità għandha tifforma u teduka għat-talb personali u flimkien. *L-Istatuti* (nru. 12) jispeċifikaw x'forom jista' u x'forom għandu jieħu t-talb. Il-formazzjoni għalih issir speċjalment jekk dawn il-forom jiġu mfissra u pprattikati fil-laqgħat u l-irtiri tal-fraternità.

**Il-Ħajja Fraterna:** Il-Karmelitan ma jgħix is-sejħa tiegħu waħdu. Għaldaqstant għandu jħossu fid-dmir li jagħti sehmu fil-fraternità kemm bil-preżenza tiegħu regolari iżda wkoll bis-sehem attiv, bil-kontribut fit-treġija, fid-diskussjoni, fil-qsim

tal-ġid spiritwali, morali u materjali ma' ħutu fil-fraternità. Kull fraternità hija marbuta intrinsikament mal-komunità reliġjuża Karmelitana. Għaldaqstant għandhom jinstabu mezzi konkreti ta' kif din ir-rabta tidher b'mod prattiku. Il-fraternità TOK hija msejħa tieħu sehem fl-ideal tal-fraternità tar-reliġjużi Karmelitani li magħhom hija marbuta fil-qsim tal-ħajja tat-talb, tal-ħajja fraterna u l-ħajja appostolika. Hekk jissaħħu r-rabtiet umani u spiritwali bejn persuni li jħaddnu l-istess ideal tal-Karmelu.



**Il-Ħajja Appostolika:** B'dixxerniment, kull fraternità għandha tara b'liema mod se tkun ta' qadi għall-Knisja. Il-Karmelu, għax hu forma ta' ħajja Nisranija, hu missjunarju fin-natura tiegħu. Naturalment il-missjoni toħroġ mill-kariżma partikulari tal-Ordni u mill-kuntest tal-ħtieġa tal-Knisja lokali. *L-Istatuti* (18-23) jagħtu normi prattiċi dwar kif għandha tingħax din id-dimensjoni. Fil-fraternità għandna nagħtu kas tat-talenti ta' kull membru u dawn jiġu indirizzati għas-Saltna ta' Alla.

Tajjeb li fil-laqgħat tal-Fraternitajiet TOK nirriflettu dwar il-laqgħa tagħna bħala espressjoni ta' dan kollu. Nistaqsu:

- Xi tfisser il-laqgħa għalija? Inkun qed nistennieha?
- Kif tista' tittejjeb u tidher aktar din id-dimensjoni fil-fraternità tiegħi?
- X'għandu jsir fil-prattika konkreta tagħna?

## Talb għall-Abbonati u l-Benefatturi

**Infakkru li f'kull tnejn tax-xahar, fis-6.00pm, fil-knisja l-qadima ta' Santa Venera, issir quddiesa għall-bżonnijiet tal-abbonati u l-benefatturi ħajjin u mejtin ta' *Il-Karmelu.***

**Nieħdu gost li tingħaqdu magħna fit-talb tagħkom.**

## Sejħa partikulari tal-Karmelitan Lajk

Il-ħajja spiritwali - jew ħajja skont l-Ispirtu - tibda mill-inizjattiva tal-Missier li permezz tal-Iben u fl-Ispirtu jagħti lil kull raġel u mara ħajjithom u qdusithom, filwaqt li jsejjaħ lil kull wieħed biex jgħix f'relazzjoni misterjuża ta' komunjoni mal-persuni tat-Trinità Qaddisa. Alla jiġi jfittex il-persuna, jiġbidha lejh u lejn Ibnu; l-Ispirtu jħeġġiġha biex tixħet l-attenzjoni lejh, biex tisma' leħnu, biex tilqa' l-Kelma tiegħu filwaqt li tinfetaħ għall-azzjoni tiegħu li tittrasforma.

It-tiftix t'Alla min-naħa tal-Karmelitan lajk, l-ubbidjenza tiegħu għas-saltna ta' Kristu hija tweġiba, imqanqla mill-Ispirtu, għal-leħnu fid-djalogu tal-ħbieb li hu jistabbilixxi ma' kull wieħed fil-Kelma li saret bniedem. Il-progress tat-terzjarju jibda bl-att ta' fidi li bih jilqa' lil Ġesù u l-ġrajja tiegħu tal-Għid bħala s-sens tal-eżistenza tiegħu li jġiegħlu jixtieq li jsir jixbħu, li jara fih iċ-ċentru aktar milli fih innifsu. Hekk bis-sehem tagħhom fl-imħabba ħanina ta' Alla, il-Karmelitani lajċi jħejju ruħhom għat-tlugħ tal-Għolja tal-Karmelu li l-quċċata tagħha huwa Kristu Ġesù.

(*Regola tat-Terzjarji Karmelitani* 17)